MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 523/2005

**Alfred Pisani.**

**vs**

**George Mangion u Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji u Testing u b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2005 n-nomenklatura tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji u Testing gie sostitwit bil-kliem "Kap tad-Direttorat tal-Licenzji u Ittestjar fi hdan l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta."**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 30 ta' Mejju 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Novembru 1989 fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Pisani vs Eamnuel Borg** (Cit. nru: 1030/88 CS), il-Qorti ordnat li l-van bin-numru Y-2279 u l-permessi relattivi jinqalbu fuq isem l-attur skont ftehim li ghalih kien parti l-attur, u ghal dan il-ghan innominat lill-Avukat Dr. John Mizzi sabiex jidher ghall-kontumaci;

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' April 1995 (**Alfred Pisani vs Emanuel Borg** – Cit Nru: 404/93GV, il-Qorti laqghet it-talba tal-attur u pprorogat l-effetti tas-sentenza fuq imsemmija;

Illi sallum il-vann in kwistjoni ghadu ma giex registrat fuq isem l-attur u anzi jirrizulta li gie registrat fuq il-konvenut meta dan kien jaf bis-sentenza fuq imsemmija.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju li tistabbilixxi din il-Qorti, jersqu u jirregistraw l-*mini bus* numru Y 2279 u l-permessi relevati fuq isem l-attur.

2. Fin-nuqqas, tinnomina kuratur sabiex jaghmel dak kollu li huwa necessarju sabiex skont il-ligi jsir it-trasferiment u r-registrazzjoni tal-vetutura fuq isem l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 808/05, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa fol. 12 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2005.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta datata ta’ 27 ta’ Gunju 2005 a fol. 18 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi, preliminarjament, jigi sottomess illi llum il-gurnata ma ghadux jezisti id-Dipartiment tal-Licenzji u Testjar u dan sa minn meta fl-2002 twaqqfet l-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta illi inkorporat fiha, fost l-ohrajn, il-funzjonijiet tad-Dipartiment tal-Licenzji u Ttestjar li llum qeghdin jinqdew mid-Direttorat tal-Licenzji u Ttestjar, u l-ghaldaqstant ic-citazzjoni hija irrita u minghajr effett.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess illi l-*minibus* bin-numru Y 2279, mill-1984 sa Frar ta’ din is-sena kien irregistrat f’ isem Emanuel Borg u qatt ma kien irregistrat f’ isem l-attur.

3. Illi fi Frar ta’ din is-sena, il-konvenut George Mangion talab illi jigi registrat it-trasferiment tal-vettura hawn fuq imsemmija ghal fuq ismu, u dan a bazi ta’ sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, li nghatat fl-4 ta’ Lulju 1997 fl-ismijiet **George Mangion vs Emanuel Borg** (Citazz. Nru. 1516/94), kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 1, liema sentenza kienet ordnat illi l-vettura kellha tigi ikkonsenjata lill-attur peress illi dan kien xtara l-istess vettura minghand Emanuel Borg u hallsu l-prezz pattwit.

4. Illi, fil-fatt, meta saret din l-applikazzjoni ghal trasferiment, dan il-*minibus* kien diga` gie fizikament ikkonsenjat lil George Mangion mill-Pulizija Ezekuttiva, u dan anke kif jirrizulta mill-ittra datata is-sbatax ta’ Frar 2005, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 2, u kien ghalhekk jonqos biss it-trasferiment amministrattiv fir-*records* tal-Awtorita` sabiex il-vettura tigi registrata f’isem George Mangion.

5. Illi, *in vista* tas-suespost, l-Awtorita` eccipjenti effettwat it-trasferiment amministrattiv tal-vettura minn fuq Emaneul Borg ghal fuq George Mangion.

6. Illi, l-Awtorita` eccipjenti, *in vista* tas-suespost, f'dan il-punt tirrimetti ruhha ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti u umilment titlobha taghtiha direzzjoni cara dwar kif, u f'isem min, ghandha tigi registrata l-*minibus* numru Y 2279.

7. Illi, *in vista* tas-suespost, l-Awtorita` eccipjenti zgur li m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghall-ispejjez tal-kawza odjerna, liema spejjez ghandhom jigu sapportati fl-*intier* taghhom mill-partijiet l-ohra fil-kawza jew minn minnhom.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta a fol. 20 u 21 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi a fol. 22 sa 27 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' George Mangion datata 8 ta' Lulju 2005 a fol. 28 tal-process fejn espona:-

(1) Illi qabel xejn ghandu jinghad li *in linea* preliminari, l-konvenut esponenti ma kellu ebda ralazzjoni u m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-attur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-oservanza tal-gudizzju.

(2) Illi preliminarjament ukoll ghandu jingahd li l-kawza citata fl-ismijiet **Alfred Pisana vs Emanuel Borg** kienet vertenza estranea ghal kollox ghall-esponent u ghalhekk il-konsegwenzi tal-istess bl-ebda mod ma jorbtu lilu ghaliex *si tratta* ta' <u>*res inter alios acta*</u>.

(3) Illi subordinament u bla pregudizzju ghandu jingahd li llum wara t-trapass ta' dan iz-zmien kollu, il-vettura *minibus* numru tar-regsitrazzjoni Y 2279, giet skrepjata, u allura anki *a tenur* tal-principju *nemo tenetur ad impossibilia* dak previst fic-citazzjoni mhu qatt rializzabbli.

(4) Illi *inoltre* ghandu jinghad li l-van kien fil-pussess tal-konvenut peress li dan kien xtrah minghand Emanuel

Borg b'mod regolari u ghalhekk *se mai* u *in pessima ipotesi*, il-proceduri inizjati fil-konfront tieghu mhumiex dawk idoneji u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut George Mangion a fol. 29 u 30 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2005, il-Qorti, b' referenza ghall-ewwel eccezzjonijiet ordnat li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn jirrikorri fis-sens li n-nomeklatura tad-direttur konvenut ghandha tigi sostitwita bil-kliem "Kap tad-Dipartiment tal-Licenzji u Ttestjar fi hdan l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta". L-atturi u l-partijiet l-ohra taw ruhhom notifikati bil-korrezzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2006 meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Nicholette Cassar ghall-Awtorita` tat-Trasport konvenut. L-attur u d-difensur tieghu Dr. Frank Cassar imsejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors ta' Alfred Pisani datata 4 ta' Mejju 2006 a fol. 40 tal-process fejn l-esponenti talab bir-rispett sabiex din il-Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza fl-ismijiet premessi ghas-smigh u l-kontinwazzjoni; u l-Qorti bid-digriet taghha tas-27 ta' April 2006 laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smigh ghat-12 ta' Ottubru 2006, b'dan li nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Charmaine Zammit.

Rat ir-rikors tal-Perit Legali Dr. Charmaine Zammit datat 16 ta' Mejju 2006 a fol. 48 tal-process fejn l-esponenti talbet lill-Qorti sabiex tezoneraha mill-inkarigu moghti lilha; u l-Qorti bid-digriet taghha moghti fit-18 ta' Mejju 2006 laqghet it-talba u ssostitwixxiet ghall-istess lil Dr. Marco Ciliberti kif jidher a fol. 50 tal-process.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti u d-dokumenti esebiti; u r-rapport tal-istess Perit

Legali Dr. Marco Ciliberti datat 20 ta' Frar 2007 u mahluf fl-10 ta' Jannar 2008, liema rapport jinsab esebit a fol. 75 *et sequitur* tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-16 ta' April 2008 meta ssejhet il-kawza deher il-konvenut George Mangion. Dr. Frank Cassar u Dr. Duncan Borg Myatt imsejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Peress li la deher l-attur u lanqas id-difensru tieghu l-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors ta' Alfred Pisani datata 8 ta' Lulju 2008 a fol. 96 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza fl-ismijiet premessi ghas-smigh u finali decizjoni; u l-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghall-ezami tar-rapport ghall-5 ta' Novembru 2008 kif jidher bid-digriet tal-10 ta' Lulju 2008 a fol. 97 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-12 ta' Frar 2009 meta ssejhet il-kawza *inter alia* deher Dr. Frank Cassar ghall-attur li rremetta ruhhu ghar-rapport u l-kawza giet differita ghs-sentenza ghas-26 ta' Frar 2009.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li l-mini-bus Reg. No, Y – 2279 tigi registrarata f'ismu, u dan ghaliex huwa kien biegh l-istokk tal-hanut Metro Seff Service, Swieqi lil certu Emmanuel Borg billi ha bi tpartit l-istess van flimkien mas-somma ta' Lm1,000, u kien kera l-istess hanut ghall-kera ta' Lm1.50 kuljum lil imsemmi Emmanuel Borg.

Minkejja dan l-attur jghid li huwa baqa' ma thallasx l-ammont imsemmi u lanqas il-kera miftehma. Il-van ha pussess tieghu izda wara xahrejn kien insteraqlu u wara gimaghtejn ra l-istess van misjuq f'Hal Ghaxaq mill-konvenut George Mangion u dan qallu li kien xtrah minghand Emmanuel Borg.

Illi b'dan l-attur jghid li rraporta lill-pulizija u l-istess van gie maqbud b'mandat ta' qbid u l-attur jghid li ra l-istess van ghand il-pulizija zarmat u b'decizjoni fl-ismijiet **"Alfred Pisani vs Emanuel Borg"** (P.A. (CS) 24 ta' Novembru 1989 – Dok. "A") l-istess Emanuel Borg gie kkundannat sabiex jaghmel l-istess transfer tal-vettura u fin-nuqqas gie nominat kuratur deputat sabiex jiffirma ghall-kontumaci. Din is-sentenza giet resa esegwibbli b'sentenza ohra fl-ismijiet **"Alfred Pisani vs Emanuel Borg"** (P.A. (GV) 24 ta' April 1995 – Dok. "B").

Illi gara li b'sentenza ohra tal-4 ta' Lulju 1997 fl-ismijiet **"George Mangion vs Emanuel Borg"** l-istess Emmanuel Borg gie kkundannat *inter alia* sabiex jikkonsenja l-istess van lil George Mangion, u jirrizulta li in vista ta' l-ahhar sentenza l-imsemmi van gie kkonsenjat lil George Mangion u t-transfer tal-istess sar fuqu u ghalhekk l-istess attur beda dawn il-proceduri sabiex il-van jigi registrat fuq ismu.

Illi jirrizulta li d-Direttorat tal-Licenzji kien ircieva diversi ittri legali minn George Mangion il-van jigi registrat fuq ismu u wara li l-istess dipartiment gie kkonsenjat is-sentenza tal-4 ta' Lulju 1997 fl-ismijiet **"George Mangion vs Emanuel Borg"** flimkien ma' dikjarazzjoni *da parte* tal-Pulizija Eskuttiva datata 17 ta' Frar 2005 li tghid li l-vettura imsemmija giet rilaxxata favur l-istess George Mangion fit-23 ta' Ottubru 1998 (Dok. "2" – fol. 27), saret mid-dipartiment ir-registrazzjoni tal-istess van favur tieghu u hekk baqghet is-sitwazzjoni sakemm saret din il-kawza. Fil-fatt dan jirrizulta kkonfermat mix-xhieda ta' Brian Farrugia rapprezentant tal-istess Dipartiment, liema xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta jew kontestata, anzi jekk wiehed jiehu d-dikjarazzjoni tal-istess Awtorita' konvenuta jirrizulta li l-istess vettura kienet baqghet

registrata f'isem Emanuel Bord minn 1984 sa' Frar 2005 meta saret it-transfer favur il-konvenut George Mangion. Dan kollu ixejjen dak allegat mill-attur fix-xhieda tieghu u dan huwa iktar sinifikanti meta l-istess attur bl-ebda mod ma ghamel xi tentattiv sabiex jikkontradixxi jew jikkontrasta dak li xehed dan l-ufficjal tal-awtorita' konvenuta. Dan huwa wkoll sinifikanti fl-istess fond tal-principju li l-attur ghandu l-oneru jipprova l-allegazzjoni tieghu, haga li f'dan il-kaz ma rnexxilux jaghmel – anzi jirrizulta li dak allegat minnu huwa kontradett minn persuna li hija newtrali ghall-ezitu tal-kaz.

Illi fid-dawl ta' dan kollu jirrizulta li minkejja li kien hemm zewg sentenzi favur l-attur fil-konfront ta' Emmanuel Borg, sabiex issir it-transfer tal-van minn Emanuel Borg favur l-attur jidher li l-istess transfer baqa' ma sarx u hawn jirrizulta li l-istess attur ma ppruvax jaghmel it-tentattivi necessarji sabiex dan isir, u dan minkejja li kien mill-Qorti nominat kuratur deputat sabiex fin-nuqqas ta' Emmanuel Borg li jiffirma ghall-istess transfer l-istess kuratur jiffirma minfloku. Fil-fatt minkejja dak li allega l-attur, l-ebda xhieda mid-dipartiment ma' xehdet biex tikkonferma dak li sostna jew allega l-attur dwar it-tentattivi tieghu sabiex jirregistra l-istess van fuq ismu. Jinghad ukoll li l-kuratur deputat Dr. John Mizzi lanqas biss ittella' biex jixhed. Dwar dan il-perit legali sostna wkoll li *" ….wiehed ma jistax jonqos milli jinnota illi sa mis-sena 1989 l-attur kellu kull opportunita' jirregistra l-vettura f'ismu, madankollu ma jirrizultax li dan ghamel xi tentattiv sabiex tigi esegwita s-sentenza favur tieghu".*

Illi ghalhekk fid-dawl tal-provi prodotti jirrizulta li l-Awtorita' konvenuta imxiet fuq id-dokumenti li gew provduti lilha minn George Mangion, li kienu jinkludu sentenza tal-Qorti favur tieghu u wkoll dikjarazzjoni tal-pulizija, li l-istess van gie rilaxxat favur George Mangion, filwaqt li min-naha l-ohra, ma hemm ebda prova fil-process odjern li l-attur gab a konjizzjoni tal-istess Awtorita' s-sentenzi li kellu favur tieghu. Dan apparti l-fatt li l-istess Awtorita' lanqas kienet parti fl-istess decizjonijiet. B'hekk jirrizulta li l-Awtorita' konvenuta agixxiet fuq id-dokumenti li kienu moghtija lilha mill-konvenut George Mangion, li kienu jinkludu s-

sentenza tal-Qorti u ghalhekk jirrizulta li fic-cirkostanzi kif ippruvati f'din il-kawza l-istess Awtorita' ma setghatx tagixxi mod iehor, peress li mxiet fuq l-unika dokumenti li gew murija lilha.

Illi ma' dan jirrizulta wkoll li t-talba odjerna kif diretta wkoll lejn il-konvenut George Mangion ma tistax tirnexxi ghaliex l-istess konvenut ma ghandu ebda relazzjoni mal-attur, peress li l-istess van gie mixtri mill-istess konvenut minghand Emmanuel Borg. L-unika konnessjoni tal-konvenut ma' din il-kawza hija li huwa ghandu l-van registrat fuq ismu, u dan sar wara li huwa xtrah minghand Emmanuel Borg, bejgh li l-ebda mod ma huwa qed jigi mpunjat jew attakkat f'din il-kawza, u ghalhekk l-azzjoni ta' l-attur kif proposta ma' tistax tirnexxi favur l-istess konvenut. Dan apparti l-fatt li jidher mix-xhieda prodotta li fi kwalunkwe kaz u ghall-grazzja tal-argument id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 558 tal-Kap. 16** huma favur il-konvenut bhala terza persuna *in bona fede* u dan huwa iktar sinifikanti meta jirrizulta li l-istess konvenut ghandu sentenza favur tieghu li esegwixxa bir-registrazzjoni tal-vettura fuqu, u liema sentenza ghaddiet in gudikat **("John Calleja vs Carmelo Degiorgio et"** (A.I.C. (PS) 24 ta' Marzu 2004).

Illi dwar is-sentenzi li l-attur ghandu favur tieghu fil-konfront ta' Emmanuel Borg, li dawn huma *"res inter alios acta"* fil-konfront tal-konvenuti odjerni u dan skond l-**artikolu 237 tal-Kap. 12** li jipprovdi li:-

*"Is-sentenza ma tista' qatt tkun ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta' l-awturi jew ta' rapprezentant legittimu tieghu, ma' jkunx parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza".*

Illi b'hekk fil-kuntest ta' dan kollu t-talbiet attrici qed jigu michuda u qed jigu milqugha l-eccezzjonijiet tal-awtorita' konvenuta, u l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut  in kwantu l-istess eccezzjoni huma konsistenti ma' dak hawn deciz.

**<u>III.   KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-Awtorita’ konvenuta, u l-ewwel, it-tieni u r-raba’ eccezzjonijiet tal-konvenut kollha in kwantu konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------